17 ta' April 2025

Għażiż Azzjonist,

# Laqgħa Ġenerali Annwali 2025

Għandi pjaċir ninfurmak, f'isem il-Bord tad-Diretturi tal-APS Bank plc, li l-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Bank (l-'**AGM**') ser issir nhar il-Ħamis, 8 ta' Mejju 2025 fis-6 ta' filgħaxija, fil-Grandmaster Suite, Conference Centre, Hilton Malta, San Ġiljan.

Ma' din l-ittra hawn mehmuż l-Avviż u l-Aġenda tal-AGM, flimkien ma' Ċirkulari, Formola ta' Prokura u Formola tal-Għażla tal-i*Scrip* Dividend. Kopja tad-dokumentazzjoni bl-Ingliż hija mehmuża ukoll. Għandek taqra ċ-Ċirkulari fit-totalità tagħha u tagħżel kif tivvota għar-riżoluzzjonijiet fid-dawl tal-informazzjoni li fiha.

L-AGM huwa l-avveniment annwali ewlieni fejn nikkomunikaw mal-azzjonisti tagħna, u int imħeġġeġ tattendi u tesprimi l-ħsibijiet tiegħek billi tqajjem il-mistoqsijiet u tivvota. Jekk ma tistax tattendi, inti ġentilment mitlub taħtar prokuratur billi timla u tibgħat lura l-Formola ta' Prokura mehmuża. Ġentilment mitlub ukoll timla l-Formola tal-Għażla tal-i*Scrip* Dividend, jekk l-għażla tad-dividend tiegħek hija fil-forma ta' ishma ġodda. Dawn il-formoli għandhom jaslu għandna sa mhux iktar tard mis-6 ta' filgħaxija tal-Erbgħa, 7 ta' Mejju 2025. Kopja ta' dawn id-dokumenti tinstab ukoll fuq is-sit web tal-Bank.

Jekk għandek xi mistoqsijiet li huma pertinenti u relatati mar-riżoluzzjonijiet, jew teħtieġ kwalunkwe spjegazzjoni, tista' tikkuntattja lis-Segretarjat tal-Kumpanija APS Centre, Triq it-Torri, Birkirkara BKR 4012, Malta, bil-posta, jew fl-indirizz elettroniku: **investor.relations@apsbank.com.mt**

Nixtieq nieħu l-okkażjoni wkoll sabiex infakkrek fil-benefiċċji esklussivi offruti lill-investituri tal-Bank, u tipprovdi d-dettalji tiegħek sabiex tirċievi aktar komunikazzjoni mingħandna. Għal aktar informazzjoni żur https://www.apsbank.com.mt/investor-relations/

F'isem il-Bord, nixtieq nirringrazzjak tal-fiduċja u l-appoġġ kontinwu tiegħek.

Tislijiet,

**Graziella Bray**
Segretarja tal-Kumpanija
APS Bank plc